FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)
SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN 18 TA' FRAR 2002

PULIZIJA
SPETTUR RAY D'ANASTASI
VS
EDWARD V BARTOLI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Edward V Bartoli ta' 51 sena bin il-mejjet Albert u il-mejta Helen nee Zammit Caruana, imwieled B'Kara u joqghod Villa Tara, Caf Caf Lane, Madliena talli fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni talli f'dawn il-gzejjer f'dawn l-ahhar snin naqas fil-kapacita tieghu ta' Managing Director ghall-Kumpanija A.V. Bartoli & Sons Ltd li jibghat fi zmien preskritt mill-Ligi ir-returns annwali li jikkonsistu f'formoli P3, P6 u P7 ghas-snin minn Jannar 1989 sa Gunju 1993 u b'hekk ma kkonfermax mar-regola 14 tar-regoli 1972, u aktar talli approprija ruhu, billi dawwar ghalih jew ghall persuni/a ohra is-somma ta' Lm7095.00 li hu zamm taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, bi ksur tal-artikolu 293 u 294 tal-Kodici Kriminali (kap 9) u b'dannu lill-Gvern ta' Malta u ta' diversi impjegati ta' A.V. Bartoli & Sons Ltd.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:-

Illi il-Qorti giet infurmata illi l-imputat miet fil-mori tal-kawza u dana skond l-istess certifikat tal-mewt tal-imputat. (Dok X).

Illi ghal dawn il-motivi il-Qorti tiddikjara il-procediment istint.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA
DEP.REG.